DEĊIŻJONI (UE) 2023/817 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-5 ta' April 2023

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/1743 dwar ir-remunerazzjoni ta' holdings ta' eċċess ta' riżervi u ta' ċerti depożiti (BĊE/2019/31) *(BĊE/2023/9)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikoli 17 u 19 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Settembru 2022, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jaġġusta temporanjament ir-remunerazzjoni tad-depożiti miżmuma mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) applikata skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1743 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/31) ([1]) u l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni BĊE/2010/4 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]). Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1521 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/30) ([3]) implimentat dan il-qafas temporanju billi stabbiliet ir-remunerazzjoni ta' tali depożiti bir-rata tal-faċilità ta' depożitu jew ir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR), skont liema minnhom tkun l-aktar baxxa. Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1521 (BĊE/2022/30) mhijiex ser tibqa' fis-seħħ wara t-30 ta' April 2023.

(2) Fis-6 ta' Frar 2023, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li mill-1 ta' Mejju 2023 ir-remunerazzjoni ta' dawn id-depożiti se tiġi stabbilita bir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR) nieqes 20 punt bażi. Din ir-rata ta' remunerazzjoni hija allinjata mal-limitu massimu tar-remunerazzjoni applikabbli għad-depożiti tal-gvern miżmuma mal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, kif speċifikat fil-Linja Gwida (UE) 2019/671 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/7) ([4]), li se tiġi stabbilita wkoll bir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR) nieqes 20 punt bażi mill-1 ta' Mejju 2023.

(3) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2019/1743 (BĊE/2019/31) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1743 (BĊE/2019/31) huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-parteċipazzjonijiet fil-kontijiet li ġejjin miżmuma mal-BĊE għandhom jiġu rremunerati bir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR) bit-tnaqqis ta' 20 punt bażi:

(a) kontijiet miżmuma skont id-Deċiżjoni BĊE/2003/14 tal-Bank Ċentrali Ewropew (*), id-Deċiżjoni BĊE/2010/4 tal-Bank Ċentrali Ewropew (**), id-Deċiżjoni BĊE/2010/17 tal-Bank Ċentrali Ewropew (***), id-Deċiżjoni BĊE/2010/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew (****), u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 (*****);

(b) kontijiet ta' depożitu oħrajn għall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u għall-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja mhux koperti taħt il-punt (a).

([1]) Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1743 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2019 dwar ir-remunerazzjoni ta' holdings ta' eċċess ta' riżervi u ta' ċerti depożiti (BĊE/2019/31) (ĠU L 267, 21.10.2019, p. 12).

([2]) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/4 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Mejju 2010 dwar il-ġestjoni ta' self bilaterali kollettiv għall-benefiċċju tar-Repubblika Ellenika u li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2007/7 (ĠU L 119, 13.5.2010, p. 24).

([3]) Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1521 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2022 dwar aġġustamenti temporanji għar-remunerazzjoni ta' ċerti depożiti ta' politika mhux monetarja miżmuma ma' banek ċentrali nazzjonali u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/30) (ĠU L 236 I, 13.9.2022, p. 1).

([4]) Linja Gwida (UE) 2019/671 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' April 2019 dwar operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet domestiċi mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊE/2019/7) (ĠU L 113, 29.4.2019, p. 11).

Madankollu, meta jkun meħtieġ li d-depożiti jinżammu fil-kontijiet rilevanti qabel id-data meta jrid isir ħlas skont ir-regoli legali jew kuntrattwali applikabbli għall-faċilità kkonċernata, dawn id-depożiti għandhom jiġu remunerati matul dan il-perijodu bikri bir-rata ta' żero fil-mija jew bir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR), skont liema tkun l-ogħla.

(*) Id-Deċiżjoni BĊE/2003/14 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Novembru 2003 dwar l-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' self u tislif li l-Komunità Ewropea kkonkludiet skont il-faċilità ta' assistenza finanzjarja ta' tul medju (ĠU L 297, 15.11.2003, p. 35)

(**) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/4 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Mejju 2010 dwar il-ġestjoni ta' self bilaterali kollettiv għall-benefiċċju tar-Repubblika Ellenika u li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2007/7 BĊE/2007/7 (ĠU L 119, 13.5.2010, p. 24).

(***) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/17 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Ottubru 2010 dwar l-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' self lil u mill-Unjoni taħt il-mekkaniżmu Ewropew għall-istabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 275, 20.10.2010, p. 10).

(****) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-20 ta' Diċembru 2010 li tikkonċerna l-ftuħ ta' kontijiet għall-ipproċessar ta' ħlasijiet b'rabta ma' self mill-EFSF lil Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (ĠU L 10, 14.1.2011, p. 7).

(*****) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1)";

(2) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-rata speċifikata fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll għall-kont iddedikat miżmum mal-BĊE skont l-Artikolu 13(2) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 u għall-operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati ma' self mogħti skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u użat għall-finijiet ta' parteċipazzjonijiet prudenzjali ta' flus kontanti fir-rigward ta':

(a) NextGenerationEU ("NGEU");

(b) l-istrument li jipprovdi appoġġ lill-Ukraina għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja+) (**);

(c) kwalunkwe programm ta' finanzjament ieħor tal-Unjoni Ewropea li l-BĊE u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu li jinkludu.

Madankollu, ammont aggregat ta' depożiti miżmuma f'dak il-kont iddedikat li ma jaqbiżx EUR 20 biljun għandu jiġi rremunerat b'żero fil-mija jew bir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR) nieqes 20 punt bażi, skont liema tkun l-ogħla.

(*) C(2021)2502 final.

(**) Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja+) (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1).".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ħames jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2023.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-5 ta' April 2023.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE